**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Luqa**
**9 LEĠIŻLATURA**
**Laqgħa Numru 2**

**Il-Ħamis 18 ta' Lulju 2024**

Il-Kunsill Lokali Ħal Luqa ltaqa' ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz: 174, Ċentru Ċiviku, Triq il-Ġdida, Ħal Luqa, fil-17:30.

**PREŻENTI**:

| | |
|---|---|
| Is-Sur John Schembri | Sindku |
| Is-Sur Keith Bartolo | Viċi Sindku |
| Is-Sur Frederick Aquilina | Kunsillier |
| Is-Sur Jeffrey Scicluna | Kunsillier |
| Is-Sur Andrew Cassar | Kunsilliera |
| Is-Sur Anton Gatt | Kunsillier |
| Is-Sur Matthew Spiteri | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A):**
Ħadd

**ASSENTI:**
Ħadd

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**
Is-Sa Astrid Pell — Segretarju Eżekuttiv

**MEMBRI MILL-PUBBLIKU:**
Ħadd

## 02.01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Xejn

## 02.02 Approvazzjoni tal-minuti (seduta 1)

**02.02.01** Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni fuq il-minuti ta' seduta 01.

**02.02.02** Fuq proponiment tal-Kunsillier Frederick Aquilina u sekondat mill-Viċi Sindku Keith Bartolo, il-minuti ta' seduta 01 ġew approvati unanimament.

## 02.03 Komunikazzjoni mis-Sindku

**02.03.01** Is-Sindku John Schembri tkellem dwar oġġezzjonijiet li saru bini li se jsir f'Tarxien Road, faċċata tat-Triq Mikelanġ Sapiano. Il-pjanti ta' din il-binja u l-permessi se jintalbu mill-Kunsillier Frederick Aquilina, li huwa responsabbli minn dan id-dekasteru, sabiex il-pjanti u l-permessi jerġgħu jkunu diskussi waqt il-laqgħa tal-Kunsill. Il-Kunsillier Frederick Aquilina informa lis-Sindku John Schembri u lill-Kunsilliera l-oħra li bħalissa hemm għaddej il-perijodu ta' oġġezzjoni rigward din il-binja.

**02.03.02** Il-Kunsillier Frederick Aquilina informa lill-Kunsilliera preżenti li kien se jinforma lis-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell min hi s-Segretarja tal-Bord biex kull korrispondenza tal-MEPA speċjalment fejn jidħlu laqgħat tal-bordijiet, bħala Kunsill ikunu infurmati.

**02.03.03 Il-**Kunsillier Frederick Aquilina, irrimarka li ambulanza jew fire engine ma jgħaddux minn minn Kanonku G Borg għal Tarxien Road. Għalhekk, il-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa qabel b'mod unanimu ħa deċiżjoni li jħalli 3 metri spazju minħabba każijiet ta' emerġenza.

## 02.04 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera

**02.04.01** Il-Kunsillier Frederick Aquilina saqsa lis-Sindku John Schembri x'inhi l-possibbilta` biex jitneħħew il-yellow lines fi Triq Wesgħet il-Vittmi tal-Gwerra. Il-Kunsillier Frederick Aquilina qal li dawn il-lines għandhom jitneħħe ladarba x-xogħlijiet saru. Is-Sindku John Schembri infurmah li se jieħu azzjoni dwar dan.

**02.04.02** Il-Kunsillier Frederick Aquilina talab lis-Sindku aġġornament dwar il-Bus Shelters f'Ħal Luqa. Is-Sindku John Schembri ta spjegazzjoni li nqalat kwistjoni bejn l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u l-kuntrattur li ħa t-tender. Din il-kwistjoni eskalat u daħlet il-Qorti fin-nofs. Il-Kunsill Lokali sar jaf li s-sentenza mill-Qorti nqatat. Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell reġgħet bagħtet kull korrispondenza li kellha dwar dawn il-bus shelters lill-President tal-AKL, is-Sur Mario Fava. Huwa wieġeb lura li se jkun qiegħed jinforma lill-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa bl-aġġornamenti li jkollu disponibbli.

## 02.05 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv

Xejn

## 02.06 Korrispondenza

**02.06.01** Doninu Malta kkommunika mal-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa sabiex bħala Kunsill nagħtu donazzjoni għall-attivita` **Maratona bi Mħabba** li ssir bejn il-Gimgħa 30 ta' Awwissu u l-Ħadd l-1 ta' Settembru 2024 ġewwa San Ġwann. Bi qbil unanimu bejn il-Kunsilliera kollha ġie deċiż li l-Kunsill ma jistax jagħti donazzjonijiet. Għalhekk, kien deċiż li kull Kunsillier jagħti donazzjoni personali.

**02.06.02** Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa rċieva korrispondenza mingħand Luqa Youth Centre biex ikun sponsorjat il-Luqa Youths Centre Talent Show li se jsir nhar il-Ġimgħa 23 ta' Awwissu 2024. Il-Kunsilliera b'mod unanimu qablu li joffru €200 bħala sponsor, li din l-attivita` issir b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali u li l-Kunsilliera jkunu mistiedna għal din l-attivita`.

**02.06.03** Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa waslitlu ukoll korrispondenza mingħand Luqa SA FC dwar sponsorship ta' Training Shirts għaż-Żgħażagħ. Bi qbil unanimu bejn il-Kunsilliera kollha ġie deċiż li l-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa se jkun qed ikopri l-ispejjeż ta' €290. Kien deċiż ukoll li l-Kunsill irid ikun mistieden meta se jiżżanżnu dawn it-T-shirts kif ukoll kull attivita' oħra. Kien hemm qbil ukoll li l-flokkijiet ukoll irid ikollhom il-logo tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa

**02.06.04** Is-Sindku John Schembri semma li rċevejna korrispondenza mir-Reġjun fejn tgħid li jrid jitħallas kont ta' €7,643.47 billi nstabu ħafna oġġetti li ma jappartjenux mal-borża tar-riċiklaġġ. Għalhekk, is-Sindku John Schembri ssuġġerixxa li dan il-kont ma jitħallasx. Il-Kunsilliera preżenti qablu ma' dan is-suġġeriment.

**02.06.05** Fuq suġġerimenti mis-Sindku kien hemm qbil unanimu li l-parking bays ta' Wesgħet il-Vittmi tal-Gwerra jinbidlu l-parking bays.

**02.06.06** Il-Kunsillier Andrew Cassar saqsa lis-Sindku John Schembri aġġornament dwar Triq Ġorġ Zahra biex ikunu evitati aktar inċidenti tat-traffiku. Is-Sindku John Schembri informa lill-Kunsillier Andrew Cassar li tkellem ma' Transport Malta dwar dan. Is-Sindku John Schembri qal li ħa uffiċjali ta' Transport Malta pero ma sar xejn. Is-Sindku John Schembri qal li se jerġa' jkellem lil Transport Malta.

**02.06.07** Il-Kunsillier Frederick Aquilina talab sabiex issir zebra crossing fi Triq Sant'Andrija. Il-Viċi Sindku Keith Bartolo u s-Sindku John Schembri tkellmu dwar il-possibilta` li jsir proġett ta' tisbiħ u li hemm fondi disponibbli għal dan il-proġett. Kemm il-Viċi Sindku u s-Sindku qalu li se jinfurmaw liż-żewġ każini qabel ma jsir dan il-proġett. Il-Kunsillier Anton Gatt issuġġerixxa li Triq Sant'Andrija mill-Każin tal-PN sal-Każin tal-Istilla ssir pedestrian zone. Il-Kunsill b'mod unanimu qablu li din issir il-Ħadd. Sar qbil ukoll li jitwaħħlu bollards mal-art biex ħadd ma jgħaddi.

## 02.07 Mozzjonijiet/Rakkomandazzjonijiet

Xejn

## 02.08 Aġġornament fuq it-Tenders u Attivitajiet

**02.08.01** Is-Sindku John Schembri semma' li l-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa se japplika għall-Iskema tal-Galxlokk biex isir restawr meħtieġ fi 3 statwi li hemm fiċ-Ċimiterju ta' San Tumas.

**02.08.02** Is-Sindku John Schembri semma li l-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa se jkun qed jorganizza Pasta Night nhar il-Ġimgħa 6 ta' Settembru 2024. Il-Kunsillier Jeffrey Scicluna se jieħu ħsieb l-organizzazzjoni ta' din il-Pasta Night u se jara x'hemm bżonn isir. Din il-Pasta Night se ssir fejn il-Kappella ta' Ħal Farruġ sabiex tkun iċċelebrata l-Festa tal-Vitorja ġewwa Ħal Farruġ.

## 02.09 Quarterly Report/ Financial Statements

Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell ippreżentat l-ewwel Quarterly Report (Jannar sa Marzu 2024) kif ukoll il-Financial Statement tas-sena 2023. Fuq proponiment tal-Kunsillier Anton Gatt u sekondat mill-Kunsillier Matthew Spiteri, dan il-Quarterly Report u l-Financial Statement ġew approvati unanimament.

## 02.10 Skeda ta' pagamenti u petty cash

Fuq proponiment tal-Kunsillier Anton Gatt u sekondat mill-Kunsillier Matthew Spiteri, il-Kunsilliera preżenti kollha qablu dwar l-iskeda tal-pagamenti u l-petty cash.

## 02.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

**01.08.01** Is-seduta tal-Kunsill intemmet fis-18.30 wara li ġiet mgħoddija l-aġenda kollha u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa, 21 ta' Awwissu 2024, fil-17:30.

**Ikkonfermati llum l-Erbgħa, 21 ta' Awwissu 2024.**

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| ____________________ | ____________________ |
| **John Schembri** | **Astrid Pell** |
| *Sindku* | *Segretarju Eżekuttiv* |